MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 822/2008/1

**Annunziata Farrugia, Joseph Gauci, Carmelo Gauci li qed jidher kemm f'ismu kif ukoll f'isem Joseph Gauci li huwa emigrat l-Awstralja, u dan bis-saħħa ta' prokura, Veronica Gauci bħala użufruttwarja tal-mejjet Nazzareno u Meleny Gauci bħala l-werrieta u Michael Gauci li huma l-werrieta tal-mejjet Michael Gauci**

**v.**

**Crocifisso Gauci u martu Mary Gauci**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuti Crocifisso u Mary konjuġi Gauci mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju 2011, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla u tgħaddi biex tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi u b'hekk l-ebda ordni ta' żgumbrament ma tiġi esegwita kontrihom.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "**Il-Qorti;**
>
> "Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-12 ta' Awissu 2008 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:
>
> "1. Illi l-esponenti huma sidien flimkien mal-intimati u ħut l-istess intimati tar-razzett u għelieqi li tinsab numru tlieta (3) tal-Balal Road, San Ġwann magħrufa ukoll ta' Ginger Farmhouse, Triq tal-Balal San Ġwann;
>
> "2. Illi dan ir-razzett kien mikri għand Emanuele Gauci biss li llum huwa mejjet u ħadd ma kien igħix miegħu;

“3. Illi dan ir-razzett qiegħed jiġi okkupat minn Crocifisso Gauci iben Emanuele Gauci mingħajr titolu validu skont il-liġi;

“4. Illi għalkemm l-intimat Crocifisso Gauci għandu sehem jiġifieri wieħed minn tletin ($^{1}/_{30}$) l-esponenti li jirrappreżentaw ħamsa u għoxrin sehem minn tletin ($^{25}/_{30}$) interpellaw lill-intimati sabiex jitilqu minn dan il-fond pero’ xorta baqgħu inadempjenti.

“5. Illi r-rikorrenti jafu b’dawn il-fatti personalment;

“6. Illi safejn jafu r-rikorrenti l-intimati m’għandhomx eċċezzjonijiet jew risposti x’jagħtu kontra t-talbiet tal-istess rikorrenti.

“7. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

“Jgħidu għalhekk l-intimati l-għaliex għar-raġunijiet premessi u dispensat is-smiegħ tal-kawża a tenur tal-Artiklu 167 *et seq* tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta) u in vista tal-affidavit tar-rikorrenti, m’għandhiex din il-Qorti:-

“1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati qed jokkupaw il-proprjeta’ fuq indikata mingħajr titolu validu fil-liġi;

“2. Tordna u tikkundanna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jiżgumbraw mill-fond numru tlieta (3) tal-Balal Road, San Gwann magħrufa wkoll ta’ Ginger Farmhouse, Triq tal-Balal, San Ġwann;

“Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma inġunti in subizzjoni

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

“Rat id-digriet tat-3 ta’ Dicembru 2008 li permezz tiegħu laqgħet it-talba tal-konvenuti biex jikkontestaw il-kawża u prreferiġġietilhom għoxrin (20) ġurnata żmien biex jippreżentaw risposta ġuramentata

“Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti, ppreżentata fit-23 ta’ Diċembru 2008, li permezz tagħha eċċepew illi:

“1. Preliminarjament in-nuqqas ta’ kompetenza *rationae materie* ta’ dina l-Onorabbli Qorti u dan *stante* illi l-fond *de quo* qiegħed f’perjodu ta’ rilokazzjoni b’dan illi din il-kawża messa ġiet intavolata quddiem il-Bord tal-Kera;

“2. Illi l-ġudizzju mhux integru in kwantu l-fond *de quo* huwa okkupat preżenzjalment minn omm l-esponenti u minn ħuħ u dan kif sejjer jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

“3. Illi in vista tat-titolu ta’ lokazzjoni spettanti lill-omm l-eċċepjenti kif fuq imsemmi, l-istess eċċepjenti *ai fini* tal-istanza preżenti m’għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti;

“4. Illi jinkombi fuq l-atturi li jippruvaw l-allegazzjoni tagħhom tan-nuqqas ta’ titolu tal-konvenuti u li l-mejjet Emanuele Gauci ma kellu lil ħadd jgħix miegħu, liema allegazzjonijiet qegħdin jiġu debitament kontestati;

“5. Salv eċċezzjonijiet oħra.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

“Semgħet il-provi;

“Rat l-atti kompriżi n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

“Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ April 2011 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza;

“Ikkunsidrat.

“Illi l-ewwel eċċezzjoni hija fis-sens li din il-Qorti mhijiex kompetenti *rationae materiae* biex tisma’ l-kawża iżda huwa l-Bord li Jirregola l-Kera li għandu din il-kompetenza billi skont il-konvenuti huma qed jokkupaw il-fond f’terminu ta’ rilokazzjoni.

“Illi huwa paċifikament aċċettat illi *“l-kompetenza ta’ Qorti hi determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eċċezzjoni mogħtija mit-termini tal-azzjoni attriċi. Hu l-att promotur kif intavolat it-talbiet u l-premessi tagħhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha teżerċita l-ġudizzju tagħha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza tagħha”* – **“Frankie Refalo nomine vs Jason Azzopardi et”** (Appell tas-7 ta’ Ottubru 1997).

“Illi din il-Qorti kif presjeduta ġja’ kellha okkażjoni tiddeċiedi dan il-punt fil-kawża fl-ismijiet **“Dottor Francis Saliba et vs C. Boffa Company Limited et”** deċiża parzjalment fil-25 ta’ Frar 2009. Il-Qorti hemmhekk għamlet referenza għall-Artikolu 47 (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta illi jgħid illi:

> *"Iżda l-kawżi li fihom jidħlu … inkluża kull talba għall-żgumbrament jew tkeċċija minn beni mmobbli kemm urbani u kif ukoll rurali, mikrija jew okkupati minn persuni li joqogħdu jew li għandhom l-abitazzjoni ordinarja tagħhom fil-limiti tal-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti ma jidħlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati …"*
>
> Illi l-Qorti qalet illi *"l-abbli difensur tal-konvenuti qed jargumenta illi l-persuna mħarrka trid tkun tabita ordinarjament fil-fond in kwistjoni u allura l-Prim'Awla hija kompetenti biss fuq kawżi ta' żgumbrament jew tkeċċija minn fondi abitati bħala residenza ordinarja tal-konvenut. Madankollu eżami tas-sub-artikolu juri biċ-ċar illi dan mhux il-każ; il-konvenut irid ikun jabita fil-limiti tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti iżda żgur mhux neċessarjament f'dak il-fond li dwaru jkun ġie mħarrek. Infatti fejn tidħol ir-residenza ordinarja l-Artikolu jsemmi ġurisdizzjoni u mhux kompetenza għaliex huwa ovvju li l-kompetenza ta' din il-Qorti toħroġ mill-fatt li l-atturi qed jitolbu żgumbrament."*

"Illi l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) elenkat diversi sentenzi fir-rigward fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **"Victor Peralta et vs Maria Curmi et"** (8 ta' Ġunju 2005). Hija qalet fost affarijiet oħra illi *"In linea ta' prinċipju ġenerali ġie bosta drabi deċiż illi talba għall-iżgumbrament minħabba vjolazzjoni ta' patt espress jew taċitu kontrattwali kienet tispetta b'kompetenza lit-tribunal ordinarju. Sa mill-bidunett tal-introduzzjoni tal-liġi (illum il-Kapitolu 69) ġie ritenut illi dan 'contempla la <u>rilocazione</u> ma non lo <u>scioglimento</u> del contratto di locazione.* (sottolinear tal-Qorti). *Tale scioglimento e' di competenza della Prim Aula del Corte Civile… Lo sgombramento rientrante nella competenza della Giuta per il Regolamento dei Fitti e' solamente inteso ad impedire la rilocazione.* (**"Carmela Galea vs Filippo Gatt"** – Appell Ċivili – 1 ta' Ġunju 1931). Fl-istess sentenza ġew ċitati wkoll dawn is-sentenzi; Vol. XXXIII p I paġna 685 u 805; **"Innocenzo Debattista et vs Giovanni Farrugia"** (Appell – 4 ta' Dicembru 1957; **"Madeline Muscat vs Lina Edwardson"** (Appell Inferjuri – 2 ta' Marzu 1977); **"Arthur Fenech vs Michael Vella"** (Appell 16 ta' Ġunju 1992 u **"Rosina Grima vs Joseph Vella proprio et nomine"** (Appell 14 ta' April 1997).

"Illi huwa naturalment importanti li wieħed jissottolineja li **dawn is-sentenzi ġew deċiżi qabel l-introduzzjoni tal-Artikolu 1525** u għalhekk illum għandhom valur relattiv ħafna. Madankollu din il-kawza ġiet intavolata qabel l-introduzzjoni ta' dak l-artikolu u għalhekk l-istess sentenzi hum rilevanti. Biss, kif ġja' ssemma' l-kompetenza ta' Qorti jew tribunal tiġi determinata skont it-talba ta' min jipproponi l-kawża u f'dik odjerna huwa ċar li l-atturi qed jitolbu biss l-iżgumbrament fuq il-kawżali li l-konvenuti m'għandhom ebda titolu biex jokkupaw l-fond. Kwindi skont l-atturi, m'hemmx lokazzjoni *in vigore* u għalhekk huma qed jibbażaw l-azzjoni fuq il-fatt li dak li kien il-kerrej, u ċjoe' Emanuel Gauci, issa huwa mejjet u allura l-lokazzjoni li kien hemm intemmet. **Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.**

"Illi fil-mertu għalhekk il-kwistjoni hija jekk il-konvenuti għandomx titolu ta' lokazzjoni skont il-Kap. 69. Huwa minnu li l-konvenuti qed isostnu li r-razzett in kwistjoni huwa okkupat minn omm il-konvenut Crocifisso Gauci, iżda l-istess konvenuti ftit affidaw fuq l-eċċezzjonijiet fir-rigward; infatti jirriżulta ċar li ommu tgħix ma' oħtu l-Iklin u hija reġistrata bħala votanta hemmhekk u

ċertament mhux fir-razzett. Għalhekk l-eċċezzjonijiet fir-rigward ma humiex sostnuti mill-provi.

"Illi l-verzjoni tal-attur Mikiel Gauci li jiġi ħu Emanuel Gauci hija kjarament l-aktar waħda kredibbli u sorretta mill-provi dokumentarji. Huwa jgħid infatti illi r-razzett kien inkera lil ħuh u meta dan iżżewweġ kien joqgħod fih. Jgħid illi (fol 25 *et sequitur*) illi l-istess Emanuel Gauci baqa' reġistrat fuq ir-razzett sakemm miet (għalkemm martu ilha reġistrata li toqgħod ma' bintha) u l-konvenut Crocifisso Gauci ma kienx jgħix miegħu. Kien biss wara l-mewt ta' missieru li l-konvenut imsemmi dawwar il-karta tal-identita' tiegħu fuq ir-razzett, naturalment bl-intenzjoni li kif ngħidu bil-Malti *"jikkapparrah"*. Għalhekk dak li jgħid il-konvenut fl-affidavit tiegħu, u ċjoe' li kien jgħix ma' missieru meta miet ma huwa kredibbli xejn. Ta' min iżid li l-konvenut Crocefisso Gauci jgħid li huwa miżżewweġ u billi l-annimali li għandu jirrikjedu ħafna ħin, spiss jorqod fir-razzett għalkemm hu u martu mhumiex separati. Jirriżulta li martu reġistrata tgħix f'post ieħor u tikkonferma fix-xhieda tagħha li mhumiex separati. Mid-dokumenti esebiti mill-uffiċjali tar-Reġistru Elettorali jidher li sal-bidu tas-snin 2000 il-konvenut u martu jidhru reġistrati li jgħixu flimkien; dan jikkonferma dak li jgħid l-attur Mikiel Gauci. Huwa ċar għall-Qorti li l-konvenuti ma jistgħux jgħidu li huma residenti fir-razzett iżda biss li jgħaddu ħafna ħin hemmhekk minħabba l-annimali. Dan ċertament ma hux biżżejjed biex ikunu protetti taħt xi liġi speċjali tal-kera.

"Illi rigward it-titolu ma hemmx kontestazzjoni iżda d-dokumenti esebiti mill-atturi ma jħallux l-iċken dubju fir-rigward. Il-konvenut Crocefisso Gauci huwa ko-proprjetarju iżda dan ma jagħtihx id-dritt li jokkupa l-fond in koproprjeta a skapitu tal-koproprjetarji l-oħra, u ċjoe' l-atturi.

"**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba *stante* d-digriet tad-3 ta' Diċembru 2008 u tilqa' t-tieni talba attriċi.**

"**Għall-fini tat-tieni talba wkoll tipprefiġġi terminu ta' tlett xhur.**

"**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-istess konvenuti.**"

## Rikors tal-appell tal-konvenuti appellanti:

**3.** Il-konvenuti ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha.

*L-ewwel aggravju: il-fatt li l-ewwel Qorti astjeniet milli tiddeċiedi l-ewwel talba*

**4.** Il-konvenuti appellanti jargumentaw illi mis-sentenza appellata jirriżulta li din irrikonoxxiet li l-kawżali li fuqha hi msejjsa l-azzjoni tal-atturi, u ċioè n-nuqqas ta' titolu tagħhom biex jokkupaw il-fond *de quo,* kienet waħda totalment infondata peress li l-appellanti huma ko-proprjetarji tal-fond in kwistjoni, kif konċess espressament mill-attur fir-rikors ġuramentat tagħhom, u għalhekk l-ewwel Qorti messha "wkoll tiddispensa" mit-tieni talba għall-iżgumbrament u tiċħadha.

*It-tieni aggravju: il-verżjoni tal-konvenuti li l-konvenut, ommu u ħuħ kienu jgħixu fir-razzett meta miet missieru*

**5.** Il-konvenuti appellanti jsostnu li l-ewwel Qorti kienet ukoll inkorretta li tagħti widen biss lix-xiehda tal-atturi fis-sens li tiskarta b'mod komplet l-insistenza da parti tal-konvenut appellant li kemm hu u kemm ommu (u d-defunt ħuħ) fil-fatt kienu jirrisjedu fil-post in kwistjoni anke qabel ma miet missieru u li l-konvenut u ommu baqgħu jgħixu hemm anke wara.

*It-tielet aggravju: ultra vires*

**6.** Il-konvenuti appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti marret *ultra vires* dak mitlub minnha u dan għaliex filwaqt li kkonkludiet li l-konvenut appellant Crocifisso Gauci huwa tassew koproprjetarju (mentri l-atturi ibbażaw il-kawża tagħhom esklussivament fuq l-allegazzjoni li huwa ma kellu ebda titolu) l-istess Qorti marret imbagħad minn jeddha sabiex tiddeċiedi li l-appellanti ma kellhomx dritt li jokkupaw il-fond in koproprjeta` a skapitu tal-koproprjetarji l-oħra, u cioe` l-atturi. Isostnu li dan kien kjarament eżerċizzju *ultra vires* li għandu ċertament iwassal għan-nullita` tas-sentenza appellata stante li in vista tat-titolu ppruvat favur l-intimati, l-ewwel Qorti kellha l-obbligu li tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi u konsegwentement taqta' s-sentenza kontrihom.

**<u>Risposta tal-appell tal-atturi appellati:</u>**

**7.** L-atturi appellati wieġbu biex jgħidu li r-rikors tal-appell tal-konvenuti għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż u anzi l-istess konvenuti għandhom jiġu kkundannati jħallsu spejjeż doppji minħabba li l-appell huwa wieħed frivolu u vessatorju.

**8.** Huma jaċċennaw għall-fatt li l-ewwel Qorti daħlet sew fil-mertu tal-provi u kkonkludiet li minħabba li Emanuel Gauci huwa mejjet il-lokazzjoni

intemmet. Jaċċennaw ukoll għall-fatt illi l-ewwel Qorti kkunsidrat ukoll jekk il-konvenuti kellhomx titolu ta' lokazzjoni skont il-Kap 69 u wara li eżaminat il-provi bir-reqqa kkonkludiet li l-verżjoni tal-konvenut Crocifisso Gauci hija għal kollox inveritjiera. Jgħidu li l-ewwel Qorti tajjeb ikkkonkludiet li hija l-forum kompetenenti fejn kellha tiġi intavolata din il-kawża, bil-konsegwenza li ma hemmx titolu ta' kera favur Crocifisso Gauci u Martu Gauci u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni ġiet miċħuda.

**9.** Dwar it-tieni aggravju l-atturi appellati jgħidu li huwa rari li l-Qorti tal-appell tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti ħlief f'każijiet eċċezzjonali u dan żgur mhux wieħed minnhom. Jgħidu li fuq il-ftit provi li ressqu l-konvenuti, mimlija inveritajiet, l-ewwel Qorti rat l-ingann ta' Crocifisso Gauci li pprova jinqeda b'kulħadd biex jipprova jikkonvinċi lill-Qorti li kellu xi tip ta' titolu ta' kera, u l-provi tiegħu servewh biss sabiex iġib il-kundanna tal-ewwel Qorti u li x-xiehda tiegħu mhi xejn ħlief messa in xena biex jipprova jikkonvinċi lill-Qorti li kellu xi dritt ta' kera fuq il-fond.

**10.** Fir-rigward tat-tielet aggravju l-atturi appellanti jgħidu li l-konvenut appellant qed jipprova jiżvija l-Qorti b'sottomissjoni skorretta u dan għaliex huma fl-ebda mument ma qalu li huwa ma kellu l-"ebda" titolu. Jispjegaw li fir-rikors promutur fl-ewwel premessa fil-fatt ġie dikjarat li Crocifisso Gauci għandu sehem mill-fond. Jispjegaw li l-ewwel Qorti semmiet li l-konvenuti kellhom jiġu żgumbrati biex ma jostakolawx id-drittijiet tal-ko-proprjetarji l-oħra

minħabba li l-konvenut stess fis-sottomissjonijiet tiegħu baqa' jsemmi d-dritt ta' ko-proprjetarju proprju sabiex jokkupa l-fond de quo.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

*Sfond*

**11.** L-atturi fir-rikors promotur tagħhom talbu lill-ewwel Qorti sabiex hija tilqa' t-talbiet tagħhom bid-dispenza mis-smiegħ skont l-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. It-talbiet tagħhom huma dawn:

> *1) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati qed jokkupaw il-proprjeta` fuq indikata mingħajr titolu validu fil-liġi;*
>
> *2) Tordna u tikkundanna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jiżgumbraw mill-fond numru tlieta (3) tal-Balal Road, San Ġwann, magħrufa wkoll ta' Ginger Farmhouse, Triq tal-Balal, San Ġwann;*

**12.** Il-konvenuti ppreżentaw nota[1] (datata 2 ta' Diċembru 2008) fejn infurmawha li xtaqu jikkontestaw it-talbiet attriċi. L-ewwel Qorti, dak in-nhar

[1] Fol 11

tas-smiegħ (3 ta' Diċembru 2008) laqgħet it-talba[2] tal-konvenuti biex jippreżentaw risposta u ddiferiet il-kawża "*għall-preżentata tal-affidavits tal-konvenuti stante li qed jippretendu li għandhom kirja*…"

**13.** L-ewwel Qorti ddeċidiet din il-kawża billi, wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba (stante d-digriet tat-3 ta' Diċembru 2008) u laqgħet it-tieni talba tal-attriċi.

*L-ewwel aggravju:*

**14.** Il-konvenuti appellanti fl-ewwel aggravju tagħhom jsostnu li l-ewwel Qorti rrikonoxxiet li l-kawżali ta' nuqqas ta' titolu irriżultat infondata u dan peress li l-fatt li l-ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba jimplika li dik it-talba ma kinitx sostenibbli u li għalhekk dik il-Qorti kellha b'mod espress tiċħad kemm dik it-talba, u ċioè l-ewwel talba, kif ukoll kellha tiċħad it-tieni talba għall-iżgumbrament għaliex irriżulta li, kif konċess mill-atturi stess, huma kellhom titolu ta' komproprjetà.

**15.** Il-premessa li fuqha jistrieh dan l-aggravju hija għal kollox falza fis-sens li hi totalment żbaljata. Ma hux minnu li l-ewwel Qorti, meta astjeniet milli

[2] Verbal tat-3 ta' Diċembru 2008 a fol 12

tieħu konjizzoni tal-ewwel talba u ċioè astjeniet milli "tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati qed jokkupaw il-proprjetà fuq indikata mingħajr titolu validu fil-liġi", b'hekk irrikonxxiet fis-sentenza tagħha li l-kawżali ta' nuqqas ta' titolu kienet infondata. Ikun kontrosens u għal kollox kontradittorju li jingħad li meta Qorti tgħid li ma hix ser tiddeċiedi talba tkun b'hekk qed tiddeċiedi li dik it-talba ma hix sostenibbli. Aktar u aktar meta kull ħaġa oħra fis-sentenza juri proprju l-kuntrarju. Di fatti l-ewwel Qorti għaddiet biex teżamina kemm it-titolu possibbli ta' lokazzjoni u dan eskludietu kif ukoll eżaminat jekk il-fatt li l-konvenuti kellhom titolu ta' komproprjetà kienx jagħtihom dritt jibqgħu jokkupaw il-fond in kwistjoni ad esklużjoni tal-atturi u l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li dan ukoll ma kienx il-każ u b'hekk laqgħet it-talba tal-atturi għall-iżgumbrament tal-konvenuti.

**16.** Għalhekk, in kwantu li l-premessa li fuqha jistrih dan l-aggravju tirriżulta infondata daqstant ukoll irid jiġi ritenut infondat dan l-aggravju li għaldaqstant qiegħed jiġi respint.

**17.** Peress li l-ewwel aggravju li għadu kemm ġie respint ġie allaċċjat mill-appellant mat-tielet aggravju tagħhom il-Qorti hi tal-fehma li f'dan l-istadju hu opportun li tgħaddi biex tikkunsidra l-istess tielet aggravju qabel tikkunsidra, jekk ikun il-każ, it-tieni aggravju li sostanzjalment jirrigwarda l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti.

*It-tielet aggravju*

**18.** Kif ingħad, fit-tielet aggravju tagħhom l-appellanti jsostnu li s-sentenza appellata hija nulla għaliex l-ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha marret *ultra vires* meta, waqt li l-atturi kienu jsostnu li l-konvenuti kienu qiegħdin jokkupaw il-fond mingħajr ebda titolu l-istess Qorti minn jeddha għaddiet biex tiddeċiedi li l-appellanti ma kellhomx dritt li jokkupaw il-fond in virtù tat-titolu tagħhom ta' koproprjetà a skapitu tal-koproprjetarji l-oħra.

**19.** Għal darb'oħra l-premessa ewlenija ta' dan it-tielet aggravju ma hix fondata. Di fatti fir-rikors promotorju tagħhom l-atturi, fil-premessi tar-rikors, ma jsostnux li l-fond qiegħed jiġi okkupat mingħajr <u>ebda</u> titolu, tant li huma stess espliċitament ikkonċedew li l-konvenut Crocifisso Gauci kien koproprjetarju tal-fond f'sehem ta' wieħed minn tletin (1/30), iżda li qiegħed jiġi okkupat "mingħajr titolu validu skont il-liġi" u fl-ewwel talba tagħhom imbgħad jitolbu li jigi dikjarat u deċiż li l-intimati qed jokkupaw il-proprjetà "mingħajr titolu validu fil-liġi".

**20.** Għalhekk, meta l-ewwel Qorti għaddiet biex tikkunsidra jekk il-konvenuti kellhomx xi titolu ta' lokazzjoni validu fil-liġi sabiex jirreżistu t-talba għall-iżgumbrament tagħhom, u kkonkludiet li ma kellhom ebda tali titolu validu fil-liġi, b'ebda mod ma jista' jiġi ritenut li l-ewwel Qorti marret *ultra vires* fid-

deċiżjoni tagħha. Bl-istess mod ma jistax jingħad li l-ewwel Qorti marret *ultra vires* meta għaddiet biex tikkunsidra jekk it-titolu ta' koproprjetà li kellu l-konvenut Crocifisso Gauci fuq il-fond, espliċitament konċess mill-atturi fir-rikors promotorju tagħhom, kienx wieħed li bih il-konvenuti setgħu validament jirrespinġu t-talba għall-iżgumbrament tagħhom u għal darb' oħra kkonkludiet li dan ma hux il-każ, preżumibilment fuq l-iskorta ta' dak previst fl-Artikolu 491(b) tal-Kodiċi Ċivili[3] in vista li ddeċidiet li "Il-konvenut Crocifisso Gauci huwa ko-proprjetarju iżda dan ma jagħtihx id-dritt li jokkupa l-fond in koproprjetà a skapitu tal-koproprjetarji l-oħra, u cjoè l-atturi".

**21.** Dan l-aggravju wkoll, kif impostat, qiegħed ukoll jiġi respint.

**22.** Il-Qorti żżid li, iżda, l-ispjegazzjoni ghaliex l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni "tal-ewwel talba", hija ħafna aktar sempliċi minn dawk piuttost kontorti li jipprova jagħtu l-appellanti. Kjarament dan ġara minħabba żvista tal-ewwel Qorti. Ġeneralment f'kawżi bħal din odjerna fejn l-atturi jagħżlu li jintavolaw kawża abbażi tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ewwel talba tkun proprju talba sabiex il-Qorti "*Tipproċedi għas-sentenza skont it-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*" It-talbiet l-oħra imbagħad isegwu din l-ewwel waħda. Mill-fatt li l-ewwel Qorti astjeniet milli tiegħu konjizzjoni tal-ewwel talba, fi kliemha stess, "*stante d-digriet tagħha tat-3 ta' Diċembru 2008*"

[3] Ara wkoll Q. App. Inf. Paulina Stagno et v Carmelo Bugeja et, 6 ta' Ottubru 2004

jirriżulta ampjament ċar li l-ewwel Qorti kienet taħt l-impressjoni li l-ewwel talba kienet tirrigwarda d-dispensa mis-smiegħ tal-kawża (li ma kienx il-każ) u li kien minn din it-talba li kienet qed tastjeni; dan għaliex bid-digriet tagħha tat-3 ta' Diċembru 2008 kienet laqgħet it-talbiet tal-konvenuti li jingħataw il-fakoltà li jikkontestaw it-talbiet tal-attur u ma kellu x'jaqsam assolutament xejn mal-kwistjoni tat-titolu o meno.

**23.** Għalhekk meta l-ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba "stante d-digriet tagħha tat-3 ta' Diċembru 2008" fejn kienet laqgħet it-talbiet tal-konvenuti li jingħataw il-fakolta` li jikkontestaw it-talbiet tal-atturi, ma kinitx effettivament qegħda tastjeni milli tiddeċiedi dwar jekk il-konvenuti kinux qegħdin jokkupaw il-post in kwistjoni mingħajr titolu. Di fatti dahlet biex tindaga jekk il-konvenuti kellhomx titolu validu ta' lokazzjoni u jekk it-titolu ta' komproprjetà kienx legalment validu sabiex il-konvenuti appellanti jkomplu jokkupaw il-fond a skapitu u ad esklużjoni tal-komproprjetarji l-oħra. Kellha invece l-impressjoni li kienet qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba dwar id-dispensa mis-smiegħ tal-kawża, ħaġa li diġa kienet effettivament ipprovdiet dwarha meta laqgħet it-talba tal-konvenuti sabiex jingħataw il-fakultà jikkontestaw it-talbiet tal-atturi.

*It-tieni aggravju:*

**24.** Wara li ddisponiet mill-aggravji ta' natura legali, l-Qorti ser issa tindirizza t-tieni aggravju li sostanzjalment jikkonċerna l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti. Di fatti, fit-tieni aggravju tagħhom il-konvenuti appellanti qed jinsistu li l-ewwel Qorti kienet żbaljata fil-konsiderazzjoni tagħha li l-unika xhieda affidabbli kienet dik tal-atturi mentri dik tal-konvenut ma kinitx. Isostnu li kemm il-konvenut, kif ukoll ommu u d-defunt ħuh kienu jirrisjedu fil-post in kwistjoni qabel ma miet Emanuel Gauci.

**25.** Din il-Qorti hija ggwidata bil-principju, ormai ben assodat, li bħala Qorti ta' reviżjoni, hija bħala regola m'għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni eżercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament li hija tkun għamlet tal-provi miġbura minnha stess. Din il-Qorti normalment tkun inklinata li tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk hija tkun sodisfatta li huwa b'dan il-mod *biss* li tkun tista' tikkorreġi inġustizzja manifesta. F'dan il-każ odjern hija fliet bir-reqqa l-provi miġbura u sabet li hija sostanzjalment tikkondividi l-konklużjonijet li waslet għalihom l-ewwel Qorti.

**26.** L-attur Mikiel Gauci xehed li meta fi Frar 2008 miet ħuħ Emanuel Gauci (ID 38631M) li huwa missier il-konvenut Crocifisso Gauci, ir-razzett safa vojt. Dwar Maria Gauci, (ID 163434M) li tiġi mart Emanuel Gauci u omm il-konvenut, u dwar Vincent Gauci (ID414258M), li jiġi bin Emanuel Gauci u ħu l-konvenut, spjega li dawn ilhom jidhru għal diversi snin fuq indirizzi oħra.

**27.** Fil-fatt mir-Reġistru Elettorali jidher li f'Ottubru 1998, April 1999, Ottubru 1999, April 2000, Ottubru 2001, April 2001, Ottubru 2001, April 2002, Ottubru 2002, April 2003, Ottubru 2003, April 2004, Ottubru 2004, April 2005, Ottubru 2005, April 2006, April 2007, Ottubru 2006 u Ottubru 2007 Emanuel Gauci kien reġistrat fl-indirizz tal-post in kwistjoni (*3 Triq tal-Balal, San Ġwann*). Jiġi osservat li f'April 2008 (xahrejn wara li miet) ma jidher ħadd reġistrat fl-indirizz tal-post in kwistjoni.

**28.** Fir-rigward ta' martu Maria Gauci, f'Ottubru 1998, Ottubru 2007 u f'April 2009 din kienet reġistrata fl-indirizz *21, Fiorella, Triq Ġuze` Bonnici, Iklin*[4]. Fil-fatt ix-xhud Raymond Desira mid-Dipartiment tas-Siġurta` Soċjali xehed li Maria Gauci tieħu l-pensjoni mhux kontributorja flimkien ma' għajnuna medika u għajnuna supplimentari, u kkonferma li ċ-ċekkijiet effettivament jintbagħtu fl-indirizz *21, Fiorella, Triq Ġuże` Bonnici, Iklin*. Speċifika li ilhom jibagħtulha ċ-ċekkijiet f'dan l-indirizz għallinqas sa mill-1995 (minn meta bdew ir-records komputerizzati). Għalhekk huwa totalment bla bażi l-argument tal-konvenut appellant fir-rikors tal-appell tiegħu illi ladarba ommu ma kinitx separata minn missieru u ladarba missieru kien baqa' jgħix fir-razzett sakemm miet, allura l-konkluzjoni loġika kellha tkun li hija wkoll kienet tgħix fir-razzett in kwistjoni. Il-provi juri l-kuntrarju.

**29.** Vincent Gauci f'Ottubru 1998 u Ottubru 2000 jidher li kien reġistrat fl-

---

[4] Mill-istess Reġistru Elettorali jidher li dan huwa l-istess indirizz fejn hija reġistrata bintha Serafine Pace (ID 20556M)

indirizz *18, Triq Santa Lucia, Naxxar*; f'April 2001 u April 2004 fl-indirizz *3, Triq in-Naxxar, San Ġwann* u f'Ottubru 2004, April 2008 u April 2009 fl-indirizz *12, Triq in-Naxxar, San Ġwann*. (Jidher li dawn tal-aħħar kienu l-istess indirizz, peress li kienu nbidlu n-numri tal-bibien.) Dawn id-dokumenti ma tantx jikkorroboraw l-verżjoni tal-konvenut li ħuh (li illum huwa wkoll defunt) kien jgħix fl-istess razzett meta miet il-missier.

**30.** Issa fir-rigward tal-konvenut Crocifisso Gauci, jidher li f'April 2000, Ottubru 2000, u April 2008 kien reġistrat fuq l-indirizz *St Jude, Triq il-Konti Theuma Castelletti, San Ġwann*. F'Ottubru 2008 u April 2009 imbagħad jidher reġistrat fuq l-indirizz *3, Tal-Ġingel Farmhouse, Triq tal-Balal, San Ġwann*.

**31.** Il-konvenuta Mary Gauci f'Ottubru 1998, Ottubru 2000, April 2000 tidher reġistrata fuq l-indirizz *St Jude, Triq il-Konti Theuma Castelletti, San Ġwann* u imbagħad f'Ottubru 2007 u April 2009 tidher reġistrata fuq l-indirizz *Sacred Heart, Flat 2, Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar.*

**32.** Kif wieħed jista' jara, l-informazzjoni mir-Reġistru Elettorali ċertament li tikkorrobora x-xiehda ta' Michael Gauci li meta miet Emanuele Gauci huwa kien l-uniku residenti fil-post in kwistjoni. Jirriżulta wkoll li ftit xhur wara li miet, ibnu l-konvenut Crocifisso Gauci qaleb il-karta tal-identifikazzjoni tiegħu fuq l-indirizz in kwistjoni (ovvjament bl-iskop li jiret il-kirja li missieru kellu ma' ħutu). Veru li kif jargumentaw il-konvenuti appellanti f'dan it-tieni aggravju tagħhom l-

indirizz fuq il-karta tal-identita` mhux prova konklussiva dwar il-post fejn wieħed ikun qed jgħix tassew, imma min-naħa l-oħra meta persuna tkun qed tipprova turi li tirrisjedi f'indirizz li mhux rifless fil-karta tal-identita` tagħha, dan ċertament li ma tgħinx it-teżi tagħha.  Daqstant ieħor ma jgħinx it-teżi tal-konvenut il-fatt li martu u wliedu jgħixu l-Qawra, meta l-istess konvenuti kkonfermaw li mhumiex separati.

**33.** Il-konvenuti appellanti f'dan it-tieni aggravju tagħhom jargumentaw li huwa minħabba d-dedikazzjoni tal-konvenut Crocifisso Gauci għar-razzett u għall-annimali, li kien jorqod kuljum fir-razzett anke qabel ma miet missieru u f'każ li tiġi kkunsidrata l-kwistjoni tal-kirja għandu jirriżulta li dan id-dritt ġie miksub minnu wara li miet missieru.  Fl-affidavit tiegħu il-konvenut spjega li għalkemm hu u martu Mary Gauci mhux separati, huwa "jgħix" fir-razzett għaliex ix-xogħol tat-trobbija tal-annimali jirrikjedi ħafna ħin ta' kura u xogħol li jrid isir kmieni fl-għodu.

**34.** Fl-ewwel lok jiġi osservat li meta ttella' jixhed Joseph Zammit mis-Servizzi Veterinarji qal li mir-records komputerizzati ma rriżultalux li hemm xi permessi għat-trobbija tal-annimali, la fuq l-indirizz 3 Triq tal-Balal, San Ġwann u lanqas fuq isem il-konvenut.  Fi kwalunkwe każ li jqatta' ammont ta' ħin fir-razzett biex jieħu ħsieb l-annimali ma jfissirx li huwa residenti hemm (kemm illum u kemm fiż-żmien li miet missieru).  Kif qalet l-ewwel Qorti, dan ċertament li mhux biżżejjed biex il-konvenuti jkunu protetti taħt xi liġi speċjali

ta' kera.

**35.** Il-konvenut fl-affidavit tiegħu semma' wkoll li barra x-xogħol li għandu mal-Gvern huwa jbiegħ il-ħaxix minn ġewwa r-razzett. Jirriżulta li fl-1995 inħarġilu permess mill-pulizija ta' "*hawker using a motor vehicle for the sale of fruits and vegetables No D-8066*" u fuq l-istess permess hemm imniżżel li "*unsold commodities are to be stored at 3, Naxxar Road tal-Balal, San Ġwann*"[5]. (L-atturi Annunziata Farrugia, Carmelo Gauci, Michael Gauci u Meleny Gauci kollha xehdu fl-affidavits tagħhom li ma kinux jafu b'tali licenzja u insistew li Crocifisso qatt ma talabhom permess sabiex ikun jista' jdaħħal jew jistorja frott jew ħaxix jew affarijiet relatati man-negozju tiegħu fir-razzett u li qatt ma tawh tali permess.)

**36.** L-iSpettur Nikolai Sant, spjega li mill-2000 il-liċenzji bdew joħorġu mit-Trade Licensing Unit. Fil-fatt ġie esebit ċertifikat mit-Trade Licensing Unit datat 14 ta' Lulju 2008 li juri li l-konvenut Crocifisso Gauci għandu l-permess (Nru ta' Liċenzja 53/675) biex ibiegħ il-ħaxix u l-frott mit-trakk tiegħu u l-"Post liċenzjat" huwa indikat bħala "*Tal-Gingel Farmhouse, 3, Triq ta-Balal, San Ġwann*". L-istess Sant ikkonferma li mill-1995 (meta applika l-konvenut) sal-2000 il-pagamenti tal-liċenzja għamilhom regolarment. Ix-xhud Keith Caruana

---

[5] Dok MB1, fol 307.

Mir-Reġistru Elettorali jidher li Triq tal-Balal, San Ġwann, u Triq in-Naxxar, San Ġwann huma toroq distinti minn xulxin, għalhekk it-triq imsemmija fil-liċenzja ta' hawker: u cioe` "Naxxar Road, Tal-balal, San Ġwann" effettivament lanqas biss teżisti, u titfa' dubju fuq jekk ir-referenza hix għal Naxxar Rd jew Tal-Balal Rd (cioe` fejn hemm ir-razzett in kwistjoni).

mit-Trade Licensing Unit fix-xiehda tiegħu qal li l-liċenzja li kellu Crocifisso Gauci fiż-żmien li kienet inħarġet mill-Pulizija kienet ġiet imġedda fl-14 ta' Lulju 2008 u kien għamel numru ta' snin ma jħallashiex. "…*hi bdiet titħallas fl-14 ta' Lulju 2008, u mill-1 ta' Jannar 2002 ma jidhirx li kien hemm pagamenti*."

**37.** Dan kollu juri li l-konvenut ilu mill-1995 juża r-razzett in konnessjoni man-negozju tiegħu tal-bejgħ tal-ħaxix u frott, u allura inkluż fiż-żmien li miet missieru (anke jekk proprju f'tali żmien ma kienx qed iħallas il-liċenzja relattiva) iżda dan il-fatt ukoll ma jistax jitqies bħala "residenza" għall-finijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

**38.** Għalhekk it-tieni aggravju jirriżulta infondat ukoll.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-konvenuti u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-konvenuti appellanti.

Si

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------